MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 15/2012

**Il-Pulizija
Vs
Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-4 ta’ Frar, 2011 għall-ħabta ta’ 14.15 hrs f’Hal-Far
1. Volontarjament kiser il-kwiet tal-pubbliku u l-bon ordni b’għajjat u ġlied;

2. minghajr ma darab, hedded bil-ġebel jew bi hwejjeg ohra ibsin, cioe` hadida jew waddabhom fid-direzzjoni ta’ ibnu Mario Zahra;

u aktar akkuzat talli fl-istess data ghall-habta ta’ 15.15 hrs fi Triq il-Bajja s-Sabiha, B’Bugia

3. saq vettura numru CRX 028 tal-marka ‘Honda’ waqt li kien fi zmien ta’ sospensjoni jew skwalifika tal-licenzja tas-sewqan b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata 19 ta’ Frar, 2010 (Imhallef Dr. D. Scicluna LL.D);

4. saq vettura numru CRX 028 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita’ ghat-Trasport;

5. sar recediv b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata 19 ta’ Frar, 2010 (Imhallef Dr. D. Scicluna LL.D) u sentenza mill-Qorti ta’ Maġistrati (Malta) datata 22 ta’ Ġunju 2010 (Maġistrat Dr A Micallef Trigona) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Il-Pulizija talbet lill-Qorti li barra milli tagħti l-piena stabbilita tordna li l-persuna tkun skwalifikata milli tieħu jew ikollha ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta’ żmien li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-21 ta’ Dicembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 15 tal-Kap. 65 illiberat lill-imputat mill-ewwel żewġ imputazzjonijiet, sabitu ħati tat-tielet, tar-raba’ u tal-ħames imputazzjoni u kkundannatu piena **ta’ xahrejn priġunerija**. Il-Qorti ukoll a tenur ta’ l-artikolu 15 tal-Kap 65 skwalifikat lill-appellant **għal żmien xahar** milli japplika ghall-liċenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta’ Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma sentenza appellata billi tikkonfermha fejn illiberatu mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni u tirriformha billi tilliberah mit-tliet imputazzjonijiet l-oħra u fin-nuqqas timponi sentenza aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti peress li m'hemmx evidenza li l-appellant kien qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija.

Illi minghajr pregudizzju għall-eċċezzjoni hawn fuq imsemmija s-sentenza mhix ekwa u gusta.

Rat illi fis-seduta tad-19 t'April, 2012, id-difiża eżentat lis-Sur Brian Farrugia milli jerġa' jixhed dwar l-istess fatti-jiġifieri li l-appellant kellu l-liċenzja tas-sewqan revokata f'Awwissu tas-sena 2000.

Rat ukoll li l-Avukat Ġenerali eċċepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell għaliex il-fatti fil-qosor mhux konformi ma' dak li jitlob l-artikolu 419(1)(a) tal-Kap 9.

Ikkonsidrat

**L-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali**

Illi fir-rikors tal-appell il-fatti fil-qosor kienu dawn:

'Illi fil-ġurnata hawn fuq imsemmija kien hemm rapport li l-appellant kien qed isuq.'

Il-Qorti eżaminat jekk din is-sentenza kinitx biżżejjed biex tissodisfa l-artikolu 419(1)(a) billi:

(i) Qieset li l-ewwel onorabbli Qorti illiberat lill-appellant mill-ewwel żewġ imputazzjonijiet u għalhekk ma kien hemm beda raġuni għala l-appellant kellu jiddeskrivi x'kienu l-fatti wara dawn l-imputazzjonijiet;

(ii) Li l-ħmaes imputazzjoni kienet dwar ir-reċidiva u fuq tali addebitu m'hemmx bżonn ta' fatti fil-qosor għaliex dan l-addebitu jintuża biss jekk l-imputat ikun instab ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra jew parti minnhom;

(iii) Illi għalhekk il-fatti fil-qosor kienu meħtieġa dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni biss;

(iv) Ix-xhieda ta' Brian Farrugia li f'kull li xehed li kien mismugħ matul l-istess jum dejjem ikkonferma li l-liċenza tas-sewqan tal-appellant kienet revokata f'Awwissu 2000;

(v) Is-sentenzi fil-proċess inkluża dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imħallef Dr David Scicluna fid-19 ta' Frar 2010 u dik mogħtija mill-Maġistrat Micallef Trigona fit-22 ta' Ġunju 2010 fejn f'din tal-aħħar kien ikkundannat tliet ġimgħat priġunerija u €70 ammenda komplessiva;;

(vi) L-affidavit ta' PS 1602 Marco Mifsud li huwa dwar it-tilwima familjari kif ukoll dwar il-fatt li l-appellant kien osservat isuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GDM 133 tal-għamla Honda Civic. L-appellant rawh isuq fid-direzzjoni tal-freeport. Dan l-uffiċjal ried iwaqqaf lill-appellant għaliex dan m'għandux liċenzja tas-sewqan. L-appellant kien qal lil dann l-uffiċjal li ma kellux alternattiva oħra x'jagħmel ħlief li jusq din il-vettura GDM 133 għax kien muġugħ u ried imur il-polyclinic.

F'dan il-każ partikolari, il-Qorti qed tqis is-sentenza li ntużat fir-rikors tal-appell hija biżżejjed sabiex ikun soddisfatt l-artikolu 419(1)(a) tal-Kap 9 ġaladarba l-fatti huma ftit ħafna dwar iż-żewġ imputazzjonijiet (it-tielet u r-raba') li l-Qorti tal-Appell Kriminali trid tara jekk l-appellant kellux jinstab ħati tagħhom jew le. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

Fil-mertu l-Qorti qed tiddeċiedi li l-ewwel aggravju għandu jkun miċħud minħabba li l-affidavit esibit – u li bl-ebda mod ma kien kontradett – li l-imputat kien qed isuq meta ma kienx suppost qed isuq għax kien skwalifikat. Barra dan huwa ma kellu ebda liċenzja tas-sewqan. Għalhekk dan l-ewwel aggravju qed ikun respint.

Dwar it-tieni aggravju, il-Qorti eżaminat il-piena u l-iskwalifika u d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw din il-piena u din l-iskwalifika u sabet li dawn huma fil-parametri tal-Liġi.  Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju.

**Konklużjoni**

Il-Qorti għalhekk qed tiċħad l-aggravji tal-appellant u konsegwentement is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011 fl-ismijiet premessi qed tkun ikkonfermata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------